



Kumitat għas-Sajd

2023/2124(INI)

19.9.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar għal settur tas-sajd sostenibbli u reżiljenti
(2023/2124(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Niclas Herbst

WERREJ

Pàgna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar għal settur tas-sajd sostenibbli u reżiljenti (2023/2124(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2023 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Niproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti"(COM(2023)0102),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Lulju 2023 bit-titolu "Pjan ta' azzjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar",
- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikolu 39 tiegħu dwar l-iżgurar ta' livell ġust ta' għajxien għall-komunitajiet agrikoli u tas-sajd, u l-Artikolu 5 dwar il-prinċipju tal-proporzjonalità,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi tat-12 ta' Diċembru 2015 u, b'mod partikolari, l-Artikolu 2(1)(b) tiegħu dwar l-adattament għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima b'mod li ma jheddidx il-produzzjoni tal-ikel,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2021 dwar ir-residwi kimiċi fil-Baħar Baltiku, abbażi tal-Petizzjonijiet 1328/2019 u 0406/2020¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/2336 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jstabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002²,
- wara li kkunsidra l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri ppreżentati fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-20 ta' Marzu 2023,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2023 dwar il-pakkett tal-politika tas-sajd għal settur tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli, reżiljenti u kompetittiv,
- wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissarju Sinkevičius tat-3 ta' April 2023 dwar il-konsegwenzi legali tal-pjan ta' azzjoni għas-sajd tal-granċijiet bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, magħruf bħala "Krabbenfisherei",
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1614 tal-15 ta' Settembru 2022 li jiddetermina ż-żoni eżistenti tas-sajd fil-baħar fond u l-

¹ [ĠU C 506, 15.12.2021, p. 9.](#)

² [ĠU L 354, 23.12.2016, p. 1.](#)

istabbiliment ta' lista taż-żoni fejn huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar³,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona koperta mill-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinar tal-Oċean Indjan (SIOFA)⁴,
 - wara li kkunsidra d-diskors tal-2023 dwar l-Istat tal-Unjoni tat-13 ta' Settembru 2023 mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen fis-seduta plenarja tal-Parlament Ewropew,
 - wara li kkunsidra t-Trattat tan-NU dwar l-Ibħra Internazzjonali tad-19 ta' Ġunju 2023 u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea⁵,
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għas-Sajd tiegħu dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea⁶,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0000/2023),
- A. billi hemm hteġa urġenti li tizzied l-azzjoni fil-livell tal-UE biex jitreġġa' lura t-tnaqqis tal-ekosistemi tal-baħar billi jiġu indirizzati, meta possibbli, il-pressjonijiet tal-bniedem u dawk naturali, l-appoġġ għall-irkupru pożittiv ta' xi stokkijiet tal-ħut u l-inkoraġġiment ta' studji xjentifiċi u kwalunkwe riċerka u żvilupp li jiżguraw sajd u akkwakultura sostenibbli;
- B. billi bħalissa hemm sa 23 test leġiżlattivi tal-UE dwar ir-restawr tan-natura u aktar minn 40 test li jqisu l-komunikazzjonijiet, l-istrateġiji u r-regolamenti, u bosta testi leġiżlattivi dwar l-ambjent u s-sajd;
- C. billi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1614 għalaq 87 żona għall-irkupru kollu tas-sajd tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-UE tal-Atlantiku tal-Grigal, li jirrappreżentaw erja totali ta' 16 419 km² u 17 % taż-żona bejn fond ta' 400 u 800 metru;

Il-protezzjoni tal-ambjent u s-sostenibbiltà

1. Jiddeplora l-fatt li, minkejja l-isforzi kbar tas-settur tas-sajd tal-UE u l-progress lejn il-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar u biex dawn isiru sostenibbli, l-oċeani għadhom

³ [ĠU L 242, 19.9.2022, p. 1.](#)

⁴ Testi adottati, P9_TA(2023)0265.

⁵ ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17.

⁶ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/PECH-PR-749918_MT.pdf.

soġġetti għat-tibdil fil-klima, l-aċidifikazzjoni u t-tniġġis permezz ta' sustanzi niġġiesa bħan-nitriti, il-plastik u skart ieħor fil-baħar jew skart minn attivitajiet ibbażati fuq l-art, li huma lil hinn mill-kontroll tas-sajjeda u huma ta' theddida sinifikanti għall-għajxien tagħhom u għall-ekosistemi tal-baħar;

2. Jemmen, bħall-partijiet ikkonċernati kollha involuti fil-politiki tas-sajd u dawk ambjentali, li ekosistemi tal-baħar b'saħħithom huma ta' benefiċċju għal saħħitna, għas-soċjetà u għall-ekonomija tagħna, u huma essenzjali għall-pjaneta u għall-popolazzjonijiet li jiddependu fuqhom;

Approċċ koerenti mar-regolamenti eżistenti

3. Iqis li l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissarju Sinkevičius huwa nieqes minn approċċ koerenti ma' prijoritajiet u strateġiji oħra tal-Kummissjoni, bħall-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, l-awtonomija strateġika tal-UE u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE, kif ukoll il-għieda kontra ż-żieda fil-prezzijiet, it-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-politika komuni tas-sajd (PKS) u t-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi;
4. Ifakkar li l-pjan ta' azzjoni għandu jkun koerenti mal-oġettivi tal-PKS li jiżguraw li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'tali mod li jkun konsistenti mal-oġettivi li jiġu żgurati benefiċċji ekonomiċi, soċjali u għall-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel;

Ir-restawr tan-natura

5. Jiddispijaċih dwar in-nuqqas ta' koerenza bejn it-titolu tal-pjan ta' azzjoni u l-proposti ppreżentati fih, li jiffukaw prinċipalment fuq it-tibdil tal-prattiki tas-sajd li jaffettwaw l-ispeċijiet u l-habitats mingħajr ma jindirizzaw il-potenzjal għal allinjament bejn it-tekniki u l-prattiki tas-sajd u l-protezzjoni jew ir-restawr tal-ekosistemi;

Żoni tal-baħar protetti (MPAs)

6. Jinsisti fuq il-fatt li ż-żoni tal-baħar protetti huma diversi f'termini ta' daqs, speċijiet, habitats u ekosistemi fil-mira u ma għandhomx jitqiesu bħala żoni uniformi; iqis, għalhekk, li l-pjan ta' azzjoni jappoġġja approċċ simplifikat iżżejjed, b'mod partikolari billi jipproponi projbizzjoni ġenerali fuq ċertu rkaptu tas-sajd, u b'hekk jagħti l-impresjoni li ż-żoni tal-baħar protetti kollha għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod; jitlob li jintlaħaq bilanċ bejn il-proposta biex jiżdied l-għeluq taż-żoni tas-sajd tradizzjonali, minn naħa, u tinżamm l-attività tas-sajd, min-naħa l-oħra;
7. Iqis li ż-żoni tal-baħar protetti u ż-żoni strettament protetti kollha mhumiex għan fihom infushom u li d-deżinjazzjoni tagħhom bħala żoni protetti mhux se tipprevjeni Prattiki ħżiena minn flotot barranin, bħall-flotta Ċiniża madwar is-santwarju ta' Galápagos;

Tkarkir tal-qiegħ

8. Huwa tal-fehma li l-għeluq taż-żoni tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ mhuwiex sempliċement kwistjoni ta' tressiq tal-bastimenti tas-sajd xi mkien ieħor sabiex

ikunu jistgħu jkomplu jistadu bnadi oħra, peress li dan l-approċċ jonqos milli jqis, fost affarijiet oħra, il-fehim tas-sajjeda ta' qiegħ il-baħar u l-preżenza ta' bastimenti tas-sajd oħra f'żoni maġenbhom li jistgħu jagħtu lok għal żoni komuni u jwasslu għal sfruttament żejjed lokalizzat tar-riżorsi u għad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;

9. Iqis li l-multiplikazzjoni ta' inizjattivi fi ħdan il-pjan ta' azzjoni u barra minnu rigward l-istess teknika tas-sajd tqajjem dubji dwar il-koerenza u l-prevedibbiltà tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni, peress li x-xewqa tagħha li timplimenta projbizzjoni totali fuq ċerta teknika tas-sajd qed tiġi mdgħajfa f'sensiela ta' miżuri;
10. Jemmen li dan l-eċċess ta' ftit jew wisq azzjonijiet fuq żmien qasir inaqqs mill-koerenza u l-leġittimità tal-inizjattivi li għandhom ikunu s-suġġett ta' kunsens, filwaqt li jitqiesu l-aspetti soċjoekonomiċi, tekniċi u xjentifiċi;
11. Jinnota n-nuqqas ta' perspettiva dwar il-konsegwenzi ta' ċerti aspetti tal-pjan ta' azzjoni, li ġie ppubblikat mingħajr, pereżempju, stennija għal konklużjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi dwar proposti preċedenti;

Sallur

12. Jenfasizza l-kumplessità u d-diversità tal-ġestjoni tal-istokk tas-sallur, li mhijiex limitata għal approċċ wieħed iffukat fuq il-baħar; jenfasizza l-fatt li meta l-enfasi ssir fuq l-opportunitajiet tas-sajd annwali, fatturi importanti oħra jiġu ttraskurati, bħall-ostakli għall-migrazzjoni, il-kwalità tal-ħabitats, u l-qabdiet u l-kummerċ illegali; jisħaq li r-Regolament dwar is-Sallur jieħu approċċ olistiku u komprensiv li jkopri kemm l-istadji tal-ħajja tal-baħar kif ukoll tal-ilma ħelu tas-sallura u jindirizza kemm l-impatti tas-sajd kif ukoll dawk li mhumiex tas-sajd fuq l-istokkijiet tas-sallur;
13. Jisħaq li l-miżuri meħuda barra mill-kuntest tar-Regolament dwar is-Sallur jikkompromettu l-koerenza tal-politika adottata; jiddeplora l-fatt li r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194⁷ illimita s-sajd għas-sallur billi introduċa perjodu ta' għeluq ta' sitt xhur mingħajr konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati jew valutazzjoni tal-impatt dwar l-effetti soċjoekonomiċi; iqis, għalhekk, li għandha ssir analiżi tal-irkupru tal-ispeċijiet u tar-rwol possibbli tagħhom fil-għieda kontra l-ispeċijiet invażivi qabel ma jiġu implimentati aktar miżuri restrittivi, kif imħabbar fil-pjan ta' azzjoni;

Ir-reazzjonijiet tal-Istati Membri għall-pjan ta' azzjoni

14. Jinnota l-għadd kbir ta' dikjarazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet ċari mir-rappreżentanti tal-Istati Membri li jikkritikaw il-pjan ta' azzjoni u l-inċertezzi assoċjati u jirrifjutaw il-projbizzjoni fuq it-tkarkir tal-qiegħ fiż-żoni tal-baħar protetti;
15. Iqis il-proċeduri legali meħuda mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet reġjonali, bħax-Xunta de Galicia, fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kontra miżuri marbuta mal-pjan ta' azzjoni, filwaqt li jissottolinja n-nuqqas ta' proporzjonalità ta' ċerti miżuri;

⁷ [Ir-Regolament tal-Kunsill \(UE\) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond, ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1.](#)

In-nuqqas ta' ċarezza tal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni legali tal-pjan ta' azzjoni tagħha

16. Jinnota li, għalkemm il-pjan ta' azzjoni mhuwiex legalment vinkolanti, l-implimentazzjoni tiegħu se tinvolvi kostijiet soċjoekonomiċi sinifikanti għall-Istati Membri u l-flotot tagħhom, peress li fih 90 miżura fil-forma ta' regolamenti, gwida, analiżijiet, pjanijiet direzzjonali, studji, rapporti u inizjattivi;
17. Jinnota n-nuqqas ta' ċarezza imbarazzanti tal-Kummissjoni dwar il-konsegwenzi legali tal-pjan ta' azzjoni, minħabba l-ħafna dikjarazzjonijiet kontradittorji tagħha, b'mod partikolari dawk li saru fil-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament; iqis li dan kellu impatt ta' ħsara fuq ħafna setturi tal-industrija tas-sajd, bħas-settur tal-gambli tar-ramel, fi żmien meta l-inċertezzi marbuta mal-kriżijiet attwali qed ikollhom effett kbir fuq il-moral tagħhom;
18. Jiddispjaċih dwar id-dikjarazzjonijiet kunfliġġenti li saru fi ħdan il-Kummissjoni u, b'mod partikolari, bejn id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u d-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent, rigward l-effetti vinkolanti tal-pjan ta' azzjoni;

Aspetti soċjoekonomiċi u s-sigurtà tal-ikel

19. Jappoġġja l-proposta tal-President tal-Kummissjoni, fid-diskors tagħha tal-2023 dwar l-Istat tal-Unjoni, li kull biċċa leġiżlazzjoni ġdida għandha tgħaddi minn kontroll tal-kompetittività; jitlob li l-pjan ta' azzjoni u l-proposti relatati mas-sajd u inizjattivi oħra jinkludu kontroll tal-kompetittività fuq l-impatt soċjoekonomiku tagħhom u l-effett tagħhom fuq il-komunitajiet kostali;
20. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-pjan ta' azzjoni mhuwiex akkumpanjat minn studju soċjoekonomiku, valutazzjoni tal-impatt jew rapport intermedjarju u li ma jipproponi l-ebda tip ta' miżuri ta' finanzjament addizzjonali għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik enerġetika;
21. Jappella għal pjan ta' azzjoni li, flimkien mal-PKS, jikkontribwixxi għal tkabbir tal-produttività, standard tal-għajxien deċenti fis-settur tas-sajd, inkluż is-settur tas-sajd fuq skala żgħira, u swieq stabbli, u li jiżgura d-disponibbiltà tal-ikel mingħajr ma jikkomprometti d-distakk fis-sigurtà jew fis-sovranià tal-ikel;
22. Jilqa' t-talba tal-Kummissjoni għall-ġbir tad-data dwar l-impatt tas-sajd rikreattiv, iżda jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu wkoll l-impatti ekonomiċi u soċjali tal-attivitajiet tas-sajd rikreattiv sostenibbli;

Azzjoni internazzjonali u reċiproċità

23. Iqis li huwa essenzjali li kwalunkwe restrizzjoni, kemm jekk tkun ibbażata fuq il-pjan ta' azzjoni kif ukoll jekk le, għandha tiġi riflessa awtomatikament fil-każ ta' prodotti importati minn pajjiżi mhux tal-UE, speċjalment meta jitqies li l-UE timporta 70 % tal-ħut li tikkonsma, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-politiki interni u esterni, u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-UE u dawk mhux tal-UE;

24. Jisħaq li l-qabdiet ta' rkaptu mobbli tas-sajd tal-qiegħ jammontaw għal 25 % tal-qabdiet totali Ewropej u li miżuri effettivi dwar it-tkarkir tal-qiegħ fil-livell tal-UE ma għandhomx iwasslu għal żieda fl-importazzjonijiet, speċjalment jekk il-flotot barranin jużaw irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ;

L-eżemplarità tas-settur tas-sajd

25. Jappoġġja l-isforzi kontinwi tas-settur tas-sajd biex itejjeb it-tekniki tas-sajd u jnaqqas l-impatt ambjentali tiegħu mingħajr ma jistenna l-pjanijiet ta' azzjoni tal-Kummissjoni; jenfasizza l-eżempji pożittivi ta' restawr tal-istokkijiet tal-ispeċijiet f'żoni protetti filwaqt li jinżammu l-attivitajiet tas-sajd, bis-saħħa tar-rwol ewlieni tal-partijiet ikkonċernati tas-sajd;

Atti delegati fil-pjan ta' azzjoni

26. Ifakkar li huwa rrifjuta l-att delegat dwar is-SIOFA u jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jiskrutinizza kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni li jidħol marbut mal-pjan ta' azzjoni;

o

o o

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Fil-fatt, 70 % tal-frott tal-baħar ikkonsmat fl-Ewropa jiġi importat. U s-sajjieda Ewropej isegwu wħud mill-aktar regoli stretti fid-dinja li jirregolaw l-attivitajiet tagħhom fil-kategoriji u fl-attivitajiet kollha tas-sajd, li jagħtuhom kemm rwol eżemplari u, fuq kollox, ir-rwol ta' garanti tal-aħjar Prattiki tas-sajd.

Il-koleġislaturi Ewropej, u għalhekk il-Parlament Ewropew, iridu jkunu l-garanti tal-bilanċ fit-trasformazzjoni meħtieġa ta' ċerti Prattiki prinċipalment minħabba t-tibdil fil-klima, iżda wkoll minħabba varjetà ta' fatturi f'tit jew wisq prevedibbli: speċijiet ta' ħsara, stokkijiet li qed jonqsu, iżda wkoll bis-saħħa ta' data mtejbja dwar l-oċeani.

Azzjoni ma tfissirx projbizzjoni. Azzjoni ma tfissirx rivoluzzjoni. L-azzjoni ma għandhiex tfisser l-impożizzjoni ta' ideat u programmi politiċi fuq atturi Ewropej mingħajr djalogu, u agħar minn hekk, għad-detriment tagħhom.

Huwa inkoerenti u inkwetanti li wieħed jinnota l-paraliżi tal-Kummissjoni Ewropea fid-djalogu mas-sajjieda filwaqt li tirrakkomanda l-azzjoni! L-ebda azzjoni mhi se tittieħed mingħajr il-gwardjani tar-relazzjoni bejn il-bniedem u l-oċeani, jiġifieri s-sajjieda lokali u s-sajd artiġjanali fuq skala żgħira.

Hemm ħafna theddidiet serji għall-oċeani: it-tniġġis, it-tiħin tal-oċeani, il-plastik u t-tibdil fil-klima u l-effetti tagħhom huma viżibbli daqshom: iż-żieda fl-ewtrofikazzjoni, l-aċidifikazzjoni, it-tiħin tal-oċeani, it-tniġġis tal-plastik jew f'xi każijiet żieda mhux ikkontrollata ta' għasafar predatorji. Iżda fejn l-istituzzjonijiet Ewropej aġixxew f'konsultazzjoni mill-qrib mal-industrija tas-sajd u mas-sajjieda, il-progress u l-aħbarijiet pożittivi qed jakkumulaw. Pereżempju, hemm titjib sinifikanti fl-istat tal-istokkijiet tal-ħut fl-ibħra tal-UE u ħafna operazzjonijiet b'sostenibbiltà ċertifikata fis-sajd tagħhom. F'dawn l-aħħar 20 sena, il-bijomassa tal-ħut fl-Atlantiku tal-Grigal żdiedet b'mod sinifikanti u, skont l-aħħar rapport mill-STEFCF (STEFCF 22-01 *ad hoc*) fl-2020, kienet madwar 35 % ogħla minn dik fl-2003. Fl-istess ħin, il-mortalità mis-sajd naqset b'mod sinifikanti, u l-għadd ta' stokkijiet mistada b'mod eċċessiv qed jonqsu ukoll.

Il-komunikazzjoni kaotika u s-sitwazzjoni interna mħawda fir-rigward tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea sfortunatament kellhom rwol importanti fit-trasformazzjoni tiegħu fi pjan tal-aħħar opportunità li jelimina l-prattika tajba attwali, il-kwistjonijiet soċjoekonomiċi u l-pożizzjonijiet tal-industrija tas-sajd, u li jkollu konsegwenzi repressivi għall-Istati Membri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. It-terminu li jmiss tal-Kummissjoni Ewropea għandu jevita dan it-tip ta' xkiel u kwistjoni importanti daqs l-oċeani ma għandhiex tkun loġħa politika. Il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jinbnew fuq is-suċċessi u l-fallimenti, fuq is-sagrifiċċji u l-isforzi li jsiru mill-industrija tas-sajd Ewropea. L-għan tal-pjanijiet ta' azzjoni ma jridx ikun li s-sajd Ewropew jiġi sostitwit bl-importazzjonijiet, wisq inqas mill-bidu tal-gwerra fl-Ukrajna, li fetħet għajnejn l-Ewropej u fuq kollox tad-dinja għall-ħtieġa li jiġu żgurati l-awtonomija strateġika u s-sigurtà tal-ikel bl-istess mod bħall-agrikoltura.

Fl-aħħar nett, u dan huwa punt ewlieni ieħor. Jeħtieġ li nkunu nafu dwar xiex qed nitkellmu. Ejjew niddependu wkoll fuq riċerka xjentifika li, flimkien mal-attivitajiet tas-sajd, diġà qed tgħin biex il-politika Ewropea tas-sajd issir politika eżemplari bbażata fuq ix-xjenza u r-realtà.

Xi drabi jkun hemm nuqqas ta' razżjonalità fid-dibattiti u fil-pożizzjonijiet, fejn xi nies iridu jipprojbixxu aktar milli jifhmu li huwa perfettament possibbli li tiġi limitata jew organizzata l-koabitazzjoni tal-attivitajiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-oċeani. Il-projbizzjoni ta' ċerti attivitajiet li huma rregolati tajjeb fil-livell Ewropew spiss tippermetti li jiġu awtorizzati prattiki ħżiena barra mill-Ewropa.

Pereżempju matul proġett ta' riċerka ta' erba' snin, l-impatt tas-sajd għall-gambli tar-ramel fuq it-tipi ta' habitats predominanti fil-Parks Nazzjonali tal-Baħar Wadden tul il-kosta Ġermaniża tal-Baħar tat-Tramuntana ġie eżaminat mill-qrib. Dan kien jinkludi investigazzjoni kemm dwar l-effetti fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll dwar il-bidliet fit-tul ikkawżati mis-sajd għall-gambli tar-ramel. Ir-riżultat: is-sajd għall-gambli tar-ramel għandu biss impatt żgħir fuq qiegħ il-baħar. Meta kien hemm effetti fil-livell tal-ispeċijiet, dawn l-effetti kienu biss għal żmien qasir. Madankollu, dawn ir-riżultati mhumiex ġodda. Meta ġew stabbiliti ż-żewġ parks nazzjonali fuq il-kosta Ġermaniża tal-Baħar tat-Tramuntana, kien sar studju komprensiv dwar l-influenza tas-sajd għall-gambli tar-ramel imsejjaħ ir-Riċerka dwar l-Ekosistema tal-Baħar Wadden. Fir-rapport finali, dak iż-żmien, l-awturi kkonkludew li l-effetti diretti tas-sajd għall-gambli tar-ramel idumu biss żmien qasir.

Bħala konklużjoni, iż-żoni tal-baħar protetti għandhom objettivi ta' konservazzjoni differenti. Dawn jiġu stabbiliti biex jipproteġu r-riżorsi naturali bħall-mammiferi, l-għasafar, jew il-fkieren tal-baħar, spiss mhux speċifikament għall-protezzjoni ta' qiegħ il-baħar. Il-miżuri ta' ġestjoni huma adattati għall-kundizzjonijiet lokali rispettivi.

Għalhekk, il-pjan ta' azzjoni għandu jsegwi approċċ trasversali u olistiku u ma jiffukax biss fuq l-attivitajiet tas-sajd bħala l-uniku qasam responsabbli għall-problemi kollha.